MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Rikors Numru. 93/2006/1

**Rikors nru. 93/2006**
**Adreina Sultana (ID 68476M)**
**Roberta Muscat (ID 336871M)**
**Cynthia Grech (ID 32471M)**
**Elaine Galea (ID 184973M)**
**vs**

**Carmelina Zammit**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur tar-rikorrenti li jghid hekk:

“Illi l-esponenti jikru il-fond 44, Carmel Street, Sliema lill-intimata.

Illi l-intimata hija moruza fil-hlas tal-kera u dan nonostante li huma kitbulha ghal aktar minn darbtejn permzz ta’ ittra registrata u anke moghtija bl-idejn (Dok A u B hawn annessi) u ghaddew aktar minn hmistax-il gurnata ta’ kull

darba mid-data tal-istess intimazzjoni u ghalhekk l-esponenti, bhala s-sidien tal-imsemmi fond ghandhom id-dritt li jirriprendu lura l-pussess tal-imsemmi fond ai termini tal-artikolu 9(a)(i) tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jordna l-izgumbrament tal-intmata mill-fond hawn fuq imsemmi u dan ghar-ragunijiet fuq indikati u konsegwentement jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu lura l-pussess materjali tal-istess fond – dan isir tahht il-provvedimenti kollh ali dan il-Bord jogghbu jimponi."

Ra illi l-intimata minkejja li debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni b'dan ir-rikors naqset illi tintavola risposta;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi minkejja li l-intimata naqset li tirregistra rispost ghat-talbiet tar-rikorrenti il-Bord semgha l-provi tar-rikorrenti bil-gurament. Dawn il-provi kienu jikkonsistu fix-xhieda ta' Rita Sultana li ikkonfermat il-kontenut tar-rikors. Oltre dan ikkonfermat illi l-intimata ma hallset l-ebda arretrati minkejja l-interpellanzi li sarulha (kopji esebiti);

Illi ghalhekk t-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha u ghal dawn il-mottivi, l-Bord jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu lura l-pussess tal-fond 44 Carmel Street, Sliema u konsegwentement jordna lill-intimata sabiex tizgombra minn dan il-fond fi zmien xahar mil-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------